MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2008

Numru 111/2008

**Il-Pulizija.**

**(Spettur Alexander Grech.)**

**vs.**

**Kelly Dimitri.**

**Il-Qorti,**

**Dan hu rikorsipprezentat mill-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 433 (3), kif emendat, tal-Kodici Kriminali fejn qed jitlob il-hrug ta' mandat t'arrest kontra Kelly Dimitri li b' Digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tal-15 ta' Mejju, 2008, kienet giet ordnata l-liberazzjoni taghha billi fil-fehma**

**ta' dik il-Qorti ma kienx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-istess imputata titqieghed taht att t' akkuza.**

**Rat l-ordni taghha biex ir-rikors jigi appuntat ghas-smiegh ghall-udjenza tal-lum fit-8.30 am.**

**Fliet l-atti kollha processwali biss ghall-fini ta' dan ir-rikors, u cioe' biex jigi stabbilit jekk mill-provi jistax jirrizulta li *prima facie* hemm kaz biex l-intimata titqieghed taht att ta' akkuza.**

**Semghet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur Dottoressa Nadine Sant u tal-abbli difensur Dr. Robert Abela.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi fil-kumpilazzjoni li kienet qed tinstema' quddiem il-Qorti Istruttorja Kelly Dimitri kienet qed tigi akkuzata b' omicidju involontarju ta' turist Franciz Jean Philippe Castellano, b' sewqan b' manjiera traskurata, negligenti w perikoluza w b' sewqan eccessiv. Dan in konnessjoni ma incident stradali li gara fl-14 t' April, 2007 go Triq Santa Tereza, Bormla ghall-habta tal-12.45pm.**

**Minn ezami dettaljat tal-process jirrizulta *"prima facie"* li fil-waqt li Kelly Dimitri kienet qed issuq il-vettura taghha Peugeot go Triq Santa Tereza, Bormla, niezla lejn Bormla minn-naha tal-Birgu, kien qed jaqsam it-triq minn-naha tal-bahar lejn in-naha tal-Kunvent ta' Santa Tereza Castellano u cioe' mil-lemin ta' Dimitri ghax-xellug taghha. Dan, apparentement, meta ra' l-vettura ta' Dimitri qed tersaq lejh ittituba jekk hux ser jibqa' jaqsam jew jieqafx f' nofs it-triq. Dimitri iddecidiet, x' aktarx wara li assumiet li ser ikompli jaqsam, li tipprova tghaddi minn warajh u gibdet il-barra sakemm giet bir-rota tal-lemin tal-vettura taghha fuq id-*double white line* li tifred iz-zewg nofsijiet tal-karreggjata. Hemm indunat li kienu gejjin vetturi mil-faccata w li allura ma setghetx tevita lil Castellano b' dak il-mod, bir-rizultat li, bla ma bbrejkjat laqtet u**

**tajjret lil pedestrian li tghabba fuq il-bonnet, habat mall-pilastru tas-saqaf tal-car taghha ta' quddiem tax-xellug u spicca fl-art fejn l-istess karozza li sadattant waqfet, (skond il-pjanta tal-Perit Richard Aquilina) xi 15 il-metru jew ftit aktar 'l isfel minn fejn sar l-impatt inizjali, kif indikat mid-"debris" tal-kollizzjoni.**

**Illi hu minnu li din il-Qorti kellha quddiema testimonjanzi ta' zewg xhieda okulari li setghu jindikaw li l-*pedestrian,* bl-atteggjament incert u titubanti tieghu f' nofs it-triq, seta' kkontribwixxa biex gara dan l-incident. Hu minnu ukoll li l-"espert" nominat mill-Magistrat Inkwirenti kien irrelata li r-responsabbilta' tas-sinistru kellu jerfaghha l-*pedestrian.* Mill-banda l-ohra pero',**
**l-Magistrat Inkwirenti jidher li ma tantx kien qabel mal-konkluzzjoni tal-espert imqabbad minnu, tant li fil-process verbal irrakkomanda li l-Avukat Generali jaghmel l-analizi tieghu dwar ir-rapport (tal-espert) qabel jittiehdu xi proceduri kontra Dimitri. Tant hu hekk li l-Magistrat Inkwirenti kkonkluda li "*ghalkemm jidher li s-sewwieqa  ma kienetx qed issuq b' velocita' aktar minn dik permessa mil-ligi, ma kienx jidher li ghamlet il-manuvra gusta li suppost kellu jaghmel sewwieq biex jevita l-incident*" u li "*ghalkemm jista' kun hemm htija/negligenza kontributorja da parti tal-vittma , xorta izda is-sewwieqa tidher li uriet nuqqas ta' professjonalita' fis-sewqan."***

**Illi hu ovvju li l-*pedestrian* ma tfaccax fit-triq ghall-gharrieda quddiem Dimitri imma biex wasal fejn intlaqat, kien lahaq qasam aktar minn-nofs il-karreggjata wiesgha mil-lemin ghax-xellug taghha u allura hu kien *"in plain view"* ghaliha u setghet tarah sew minn ferm qabel ma waslet fuqu.**

**Mill-ezami tal-provi li ghamlet din il-Qorti, *"prima facie"* jidher li Dimitri, meta rat din is-sitwazzjoni tizviluppa quddiemha b' pedestrian qed jaqsam mil-lemin ghax-xellug taghha w li kien gja wasal f' nofs it-triq, minnflok ma rralentat il-velocita' taghha u**

**okkorrendo waqfet, assumniet li ser ikompli jaqsam u pprovat tghaddi minn warajh billi tigbed lejn il-lemin tant li waslet sa nofs it-triq bil-lemin tal-vettura taghha, imma peress li mil-faccata kienu gejjin vetturi ohra, giet f' morsa meta l-pedestrian, minnflok kompla jaqsam, iddecieda li jieqaf f' nofs it-triq fil-parti tal-karreggjata li kienet tispetta lilha ftit il gewwa minn-nofs it-triq. Hekk spiccat tajjritu bla ma lanqas halliet tracci ta' *braking* wara l-vettura tagha.**

**Illi s-sewqan hazin, ma jikkonsistix biss fi speed eccessiv imma jista' talvolta ukoll jirrizulta meta driver jikkommetti dak li *in subiecta materia* jissejjah *"an error of judgement"*, cioe' meta jassumi jew jikkalkola hazin u jiehu riskju li driver prudenti ma jiehux, billi jaghmel xi manuvra inkonsulta fis-sewqan tieghu. Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Charles Bartolo" [Kollez. Vol. XLIII , iv. p.1015], fejn gie citat b' approvazzjoni dak li ntqal mill-Qrati Inglizi f' "Simpson vs. Peat (1952) (All. Eng. Law Rep. P.447) Criminal Law Review . Dec. 1958) :-**

*"It is negligence to make an error of judgement that a reasonably prudent driver would not make."*

**Id-diligenza ta' sewwieq ghandha tikkomprendi l-addozjoni ta' dawk il-mezzi li huma addattati biex jigu evitati l-konsegwenzi ta' sewqan hazin ta' haddiehor jew ta' agir inkonsult ta' *pedestrian*. (App. Krim. "Pol. Vs. Arthur Naudi " (kollez. Vol. XXX, iv. p. 625)**

**Umbaghad il-fatt li l-*pedestrian* f' dan il-kaz seta' ukoll kien konfuz jew negligenti b' mod li bil-movimenti tieghu seta' pprecipita sa certu punt l-incident, ma jfissirx awtomatikament li d-driver ghandu jigi ezonerat mir-responsabbilta' kriminali. Di fatti gie ritenut ripetutament mill-Qrati taghna li f' sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, amenoche' dak li jigri ma jkunx dovut <u>unikament u eskluzzivament</u> ghall-htija da parti ta' dak il-haddiehor. (ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Gaetano**

**Schembri" [16.3.1961]; "Il-Pulizija vs. John Polidano" [3.11.1963]; "Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud" [Kollez. Vol. XXXVII, iv. p. 1131] u tant u tant sentenzi ohra. Il-"*contributory negligence"* ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx hi l-kawza unika tas-sinistru. (App. Krim. Il-Pulizija vs. P. Vassallo (kollez. Vol. XXXVIII. Iv. p. 883)**

**Fid-dawl tal-principji legali traccati hawn fuq u fid-dawl tar-rizultanzi s' issa ezistenti fil-process tal-Istruttorja, din il-Qorti ma tistax taqbel li, dejjem 'prima facie", ma hemmx provi fil-process bizzejjed biex Kelly Dimitri titqieghed taht Att ta' Akkuza, fic-cirkostanzi.**

**Ikkonsidrat**

**Illi dejjem gie ritenut li jekk irrizultax jew le li hemm kaz "*prima facie"*, l-Qrati rridu jaraw biss jekk hemmx *"a probable case to answer"* bla ma jidhlu fil-mertu ta' htija o meno w li f'dak l-istadju quddiem il-Qorti Istruttorja kwalunkwe dubju jmur favur il-prosekuzzjoni w allura favur *"committal".***

***"any doubts, however, as to such possibility of guilt, must not be ruled upon this Court which must therefore be bound to commit".***

**(ara f'dan is-sens "Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Satariano" [App. Krim. 16/6/1997], "Il-Pulizija vs Aimen Said Giali El Baden et." [17/3/1998], "Il-Pulizija vs Anthony Zarb" [6/3/2000], u ohrajn)**

**Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Qorti Istruttorja ma jmissiex iddecidiet kif iddecidiet u jmissha halliet il-kumpilazzjoni tiehu l-kors taghha w okkorrendo tiddeciedi li kien hemm provi bizzejjed biex l-imputata titqieghed taht att t' akkuza, salv umbaghad dak li jigi deciz b' mod konsiderat u motivat dettaljatament mill-Qorti kompetenti, skond il-kaz.**

**Ghal dawn il-motivi tilqa' talba tal-Avukat Generali kontenuta fir-rikors u wara li rat l-artikolu 434 (3B) tal-Kodici Kriminali, peress li fil-fehma taghha hemm ragunijiet bizzejjed biex Kelly Dimitri tigi mqieghdha taht att ta' akkuza, qed tordna li minufieh jinhareg mandat t' arrest tal-istess Kelly Dimitri , b' dana s'intendi li jekk titressaq mill-gdid quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja jew quddiem din il-Qorti b' att ta' akkuza, l-Qorti koncernata tkun dejjem libera li takkordalha l-liberta' provvizorja.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------